Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2008

Numru 690/2007

**-Pulizija**
**(Sp. Alexander Grech)**

**V**

**Anthony Roberts ta’ 23 sena bin Pawlu**
**u Carmen nee Bianchi, imwieled Pieta’**
**fl-24 ta’ Gunju, 1984 u li joqghod no.2**
**Triq il-Habs l-Antik, l-Isla karta tal-identita’**
**Bin-numru 350184 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Anthony Roberts li gie akkuzat talli fit-18 ta' Awissu, 2007 ghall-habta ta' xi 11.00 a.m. waqt li kien fi Triq il-Kampanella, Fgura, ikkommetta serq ta' mobile phone ta'ghamla Motorola valur ta' madwar Lm 110 minn go garaxx fl-istess triq ghad-dannu ta' Joseph Aquilina mill-Fgura, liema serq hu aggravat bil-valur u dan bi ksur ta' l-artikolu 267 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli, fl-istess gurnata u cioe: fit-18 ta' Awissu, 2007 ghall-habta ta' xi 4.00 p.m. mill-fond nru. 29, Triq il-Mina tax-Xatt, l-Isla kkommetta serq ta' kartiera li kien fiha Lm 20, karta tal-identita' cavetta u karta anzjan ghad-dannu ta' Michael Buttigieg mill-Isla, liema serq huwa aggravat bil-lok u dan bi ksur tal-artikolu 269 (g) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fit-2 ta' Lulju, 2007 ghall-habta ta' xi 11.00 a.m. waqt li kien fi Triq il-Habs l-Antik, l-Isla volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fl-istess propjeta' u cioe fuq vettura nru GYN 085 ta' ghamla Toyota ghad-dannu ta' Jean Calleja minn Hal Tarxien, liema hsara hija ta' anqas minn Lm 500 (hames mitt lira Maltin), u dan bi ksur tal-artikolu 325 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat wiegeb li kien hati fi stadju bikri tal-proceduri u cioe fl-interrogatorju kif ukoll illi huwa ma kellu ebda oggezzoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll il-pre sentencing report ipprezentat kif ukoll ir-rapport tal-perit psikjatriku nominat.

Ikkonsidrat

Illi din il-Qorti se tibda biex minn issa tikkonkludi ghal kollox dik li hija r-rakkomandazzjoni tas-social worker ta' dak li ghandha tkun l-ahjar piena nflitta fuq l-akkuzat

Anthony Roberts darba li accetata l-ammissjoni tieghu, tinstab htija. Fil-fatt apparti ghall-fatt li Roberts gia pprevala mill-provedimenti tal-Kapitlu 152 u jirrizulta li dan kien kollu ghal xejn, hija l-fehma ta' din il-Qorti in kollaborazzjoni ma' dak li rraporta Dr Joseph Spiteri, li Roberts ghandu bzonn kura medika psikjatrika fuq bazi strutturata u residenzjali.

Illi lanqas din il-Qorti ma taqbel ma' dak suggerit mid-Difiza li Roberts fi zmien tar-reat kellu n-nuqqas ta' volere e intendere li trid il-ligi biex jigi ezonerat mir-responsabilita' kriminali, dan tenut kont tal-fatt li l-istess kundizzjoni mentali ta' l-istess Roberts anke jekk hija wahda psikotika hija aggravata xejn anqas milli mit-tehid volontarju ta' droga eroina. Dan qed jinghad ukoll stante dak li xehed l-istess Dr Spiteri dwar dan u cioe li fuq dan il-punt huwa ma kienx cert pero` ma eskludiex li <u>setgha</u> fi zmien ir-reat kien deluz, bla ma kien ghal kollox kategoriku u konklussiv.

Kif gia qalet din il-Qorti hija taqbel ghal kollox ma' dak li rrelata Dr Spiteri, ghalhekk konsiderando li qed issib lil Anthony Roberts hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu dan wara li rat l-artikoli 261, 267, 278, 279, 269, 325, 17 tal-Kapitlu 9. Rat il-fedina penali tieghu ikkonsidrat l-ammissjoni bikrija tieghu, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena sospiza ghal tliet snin wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9 b'dan illi matul din is-sena Anthony Roberts ghandu jibqa residenti gewwa l-Isptar Monte Carmeli sakemm jiddetermina mod iehor Dr Joseph Spiteri. Fil-fatt l-istess Anthony Roberts ghandu jigi segwit b'mod strett mill-istess Dr Joseph Spiteri u huwa ghandu jobdi b'mod skrupoluz id-direzzjonijiet lilu moghtija minn Dr Joseph Spiteri jew rapprezentant tieghu.

Skontata din is-sena ta' piena karcerarja sospiza bla problem thalli f'idejn l-Awtorita' kompetenti ghal kura ulterjuri li jista' jkollu bzonn l-istess Anthony Roberts.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------